

## Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni 2011/244/UE, tal-15 ta' April 2011, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ġertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri taħt it-Taqsima tal-Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG), taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 102, p. 33), sa fejn teskludi ġertu nfiq imġarrab mir-Repubblika Taljana, kif ukoll tal-ittri tal-Kummissjoni tat-3 ta' Frar 2010 u tat-3 ta' Jannar 2011 bħala atti preparatorji għal din id-deċiżjoni.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika Taljana għandha tbat l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

(<sup>1</sup>) ĠU C 252, 27.8.2011.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ġunju 2015 – FSL et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-655/11) (<sup>1</sup>)

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Ewropew tal-banana fl-Italja, fil-Greċja u fil-Portugall — Koordinazzjoni fl-iffissar tal-prezzijiet — Ammissibbiltà tal-provi — Drittijiet tad-difiża — Użu ħażin ta' poter — Prova tal-ksur — Kalkulu tal-ammont tal-multa”)

(2015/C 262/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrenti: FSL Holdings (Antwerpen, il-Belġju); Firma Léon Van Parys (Antwerpen); u Pacific Fruit Company Italy SpA (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: P. Vlaeminck, C. Verdonck, B. Van Vooren u B. Gielen, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Kellerbauer u A. Biolan, aġenti)

## Suġġett

Principalement, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2011) 7273 finali, tat-12 ta' Ottubru 2011, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 [TFUE] [Każ COMP/39482 – Frott eżotiku – (banana)], u, sussidjarjament, talba għat-tnaqqis tal-multa.

## Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2011) 7273 finali, tat-12 ta' Ottubru 2011, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 [TFUE] [Każ COMP/39482 – Frott eżotiku – (banana)], huwa annullat sa fejn dan jirrigwarda l-perijodu mill-11 ta' Awwissu 2004 sad-19 ta' Jannar 2005, sa fejn jikkonċerna lil FSL Holdings, Firma Léon Van Parys u Pacific Fruit Company Italy SpA.
- 2) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni C (2011) 7273 finali huwa annullat inkwantu jiffissa l-ammont tal-multa imposta fuq FSL Holdings, Firma Léon Van Parys u Pacific Fruit Company Italy bħala EUR 8 919 000.
- 3) L-ammont tal-multa imposta fuq FSL Holdings, Firma Léon Van Parys u Pacific Fruit Company Italy fl-Artikolu 2 tal-imsemmija Deċiżjoni C (2011) 7273 finali huwa stabbilit għal EUR 6 689 000.

- 4) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 5) FSL Holdings, Firma Léon Van Parys u Pacific Fruit Company Italy huma kkundannati jħallsu terz tal-ispejjeż tagħhom stess u nofs l-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea.
- 6) Il-Kummissjoni hija kkundannata tħallas nofs l-ispejjeż tagħha stess u żewġ terzi tal-ispejjeż ta' FSL Holdings, Firma Léon Van Parys u Pacific Fruit Company Italy.

<sup>(1)</sup> ĠU C 58, 25.2.2012.

---

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralis tas-16 ta' ġunju 2015 – Polytetra vs UASI – EI du Pont de Nemours  
(POLYTETRAFLON)**

(Kawża T-660/11)<sup>(1)</sup>

*("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark  
Komunitarja verbali POLYTETRAFLON — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti TEFLON —  
Assenza ta' użu ġenwin mit-trade mark preċedenti — Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/  
2009 — Prodott finali li jintegra komponent — Użu mit-trade mark preċedenti fir-rigward tal-prodotti  
finali ta' terz — Obbligu ta' motivazzjoni")*

(2015/C 262/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Polytetra GmbH (Mönchengladbach, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Schiffer, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Bullock, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ĝeneralis: EI du Pont de Nemours and Company (Wilmington, l-İstati Uniti) (rappreżentant: E. Armijo Chávarri, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tad-29 ta' Settembru 2011 (Każ R 2005/2010-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn EI du Pont de Nemours and Company u Polytetra GmbH.

**Dispożittiv**

- 1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tad-29 ta' Settembru 2011 (Każ R 2005/2010-1) hija annullata.
- 2) L-UASI għandu jbatis l-ispejjeż tiegħi stess kif ukoll dawk sostnuti minn Polytetra GmbH.
- 3) EI du Pont de Nemours and Company għandha tħabti l-ispejjeż tagħha stess.

<sup>(1)</sup> ĠU C 65, 3.3.2012.

---